# IL-PAPAT TAL-15 SEKLU

**PAPA INNOCENT VIII**

Il-mewt ta' Sistu IV kien sinjal biex jinholoq paniku u glied



kontra il-familjari tal-papa li sabu ruhhom f'uficcji gholja ta' tmexxija fil-knisja. Ghal darb'ohra Orsini u Colonna armaw ruhhom ghal attakk filwaqt li Katerina Sforza, il-mara



ta' Girolamo Riario, in-neputi tal-mejjet Papa Sistu IV hatfu l-kastell Sant'Anglu. Deher mill-bidu li kien ser ikun hemm glied imdemmi, izda r-raguni rebhet u l-kardinali setghu jipprocedu bl-elezzjoni.

Il-konklavi kien maqsum bil-partiti. Ir-rivali principali kienu Giuliano della Rovere, in-neputi tal-papa Sistu IV u Rodrigo

Borgia, in-neputi ta' Kallistu III. Kien hemm negozjati bejnithom fil-miftuh u l-elezzjoni giet deciza meta Della Rovere u Borgia ftehmu bejnithom fuq kanditat, li kien bniedem twajjeb izda dghajjef u li dawn iz-zewg kardinali ttammaw li jiddominaw. Ma kien hadd ghajr Giovanni Battista Cibo.

Twieled gewwa Genova fis-sena 1432, iben senatur ruman. Bhala zaghzugh hajtu ma kienet xejn ezemplari, izda ghall-kuntrarju kien jghix hajja bla razan u kellu zewg ulied, Franceschetto u Teodorina. Imma meta Cibo rcieva s-sacerdozju huwa biddel hajtu. Sar isqof ta' Savona fis-sena 1467 u fis-sena 1473 biddel id-djocesi tieghu ghal dik ta' Olfetta gewwa Napli. Gie mahtur kardinal fl-istess sena minn Sistu IV. Hu ghazel l-isem ta' Innocent VIII.

Kif kien mahsub il-kardinal Guliano della Rovere iddomina t-tmexxija ta' Innocent VIII fl-ewwel snin tar-renju tieghu izda aktar tard kien Lorenzo de Medici li kien it-tmun wara l-politika ta' Innocent VII. Huwa hatar kardinal in-neputi ta' Lorenzo li kien ghadu zghir hafna bil-kondizzjoni li ma jistax jilbes l-ilbies ta' kardinal u jassumi l-obbligi bhala kardinal ta' 18-il sena.

Innocent sejjah kongress gewwa Ruma fis-sena 1940 biex jiddiskuti krucjata kontra t-Torok. Kien hemm interess kbir hafna ghaliex huh is-sultan il-Princep Jen kien prezenti f'Ruma. Izda bhas-solut hafna kliem izda xejn fatti.

Ghalkemm kellu intenzjoni tajba li jmexxi l-knisja bl-ahjar mod li jista', isem il-prestigju tal-papat ha nizla 'l isfel meta accetta pubblikament li kellu t-tfal illegittmi jghixu fil-Vatikan. Barra minn hekk il- Papa kellu bzonn il-flus u biex jasal ghal- ghajn tieghu li jimla' t-tezori huwa holoq ufficji u beda' jbieghhom. B'dan il-mod holoq cirku ta' korruzzjoni maghmul mill-ufficjali tieghu. Biex tkompli izzid ma' din il-ferita huwa kien qed jara l l-Bollol tieghu ffalsifikati u mibjugha minghajr ma kien qed jaghmel xejn biex izzomm dan l-iskandlu. Meta inqabdu, il-hatjin mmesshom il-mewt izda l-hsara kienet saret.

Huwa fehem li l-pontifikat tieghu ma kien ta' ebda gid ghall-knisja tant li waqt il-hin ta' mewt huwa talab mahfra lill-kardinali migbura madwaru u heggighom biex jaghzlu papa aktar ghaqli minnu. Innocent miet fil-25 ta' Lulju, 1492.